

Inzewqu l-għarfien tal-ilsna

Il-Kummissjoni Ewropea laqqgħet flimkien grupp ta' intellettuali u talbithom jirriflettu dwar kif id-diversità tal-ilsna nistgħu nużawha biex inġibu 'l quddiem djalogu bejn il-kulturi, filwaqt li nseddqu identità Ewropea u nissaħħu fil-valuri ċentrali tagħna.

Dawn il-ħassieba għadhom kemm ippubblikaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom, li jserrħu fuq id-distinzjoni bejn tliet tipi ta' ilsna.

L-ewwel nett hemm l-ilsien nattiv, li jinsab fil-qalba tal-identità tal-individwu. Mingħajru, jew bi lsien nattiv ieħor, letteralment inkunu nies differenti. Ir-rispett għall-ilsien huwa ħaġa waħda mar-rispett għall-persuna, u nġarrbu ġerħa personali jekk ilsienna ma jingħatax il-ġieħ li jistħoqqlu. Jeħtieġ li nġibu 'l quddiem it-tagħlim u l-użu tal-ilsna nattiv, anki tal-lingwi tal-immigranti li jġu jgħixu fostna.

Imbagħad hemm l-ilsien li bih ninqadew għall-komunikazzjoni internazzjonali. Mingħajr rikors għal ilsien dinji, ma jirnexxilniex inkampaw f'dinja globalizzata. L-għażla llum aktarx taqa' fuq l-Ingliż, imma hemm ilsna oħra li jaqdu din il-funzjoni.

Fl-aħħar nett – għax fuq tlieta toqgħod il-borma - hemm dak li r-rapport isejjaħlu l-ilsien adottiv personali. Dan nagħżluh mhux għal raġunijiet purament utilitarji, imma għall-interess personali: jista' jkun minħabba rbit storiku, is-seħer tas-sistema lingwistika ġdida tiegħu, jew għat-tieqa li jiftaħ fuq kultura ġdida. L-ilsien adottiv jista' jkun minn fost il-lingwi 'l-kbar', imma jista' jkun ukoll wieħed mill-ilsna Ewropej li ffit għandhom kelliema, u li mhux soltu jkun hemm interess fihom barra mill-komunità lingwistika tagħhom. L-inizjattiva tal-ilsien adottiv personali żgur li dan l-interess tkattru. F'kull pajjiż Ewropew jibda jiżżewwaq il-bukkett tal-lingwi li jkunu jafuhom iċ-ċittadini. B'hekk ikun jista' jseħħ dak li l-ħassieba jistqarruh bħala prinċipju fundamentali tal-użu tal-lingwi fl-Unjoni Ewropea, jiġifieri li r-relazzjonijiet bejn pajjiż u ieħor għandhom jitmexxew biż-żewġ ilsna rispettivi tagħhom.

L-għana lingwistika tal-Ewropa la hija fattur inċidentali, u wisq anqas xi marda li jeħtiġilna nfiqu minnha. Bil-maqlub, hawn qed immisu wieħed mill-aktar sisien sodi tal-Unjoni. Bil-promozzjoni tat-tliet tipi ta' ilsna skont ir-rapport, nistgħu nseddqu l-għaqda tagħna fir-rispett ta' dak li jagħżilna minn xulxin.